MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR
## RAPHAEL FENECH ADAMI

Seduta tas-26 ta' Frar, 2007

Talba Numru. 868/2003

**Mobisle Communications Limited**

**Vs**

**Vella Mark**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-30 t'April, 2003 in forza ta' liema gie mitlub illi l-konvenut Mark Vella ghandu jigi kkundannat ihallas lis-socjeta` attirici is-somma ta' tlett mija tmienja u sittin lira u tnejn u tletin centezmu (Lm368.32) rapprezentanti in ammont dovut in konnessjoni ma' client contract number 28951 in konnessjoni ma servizzi lilu rezi ghax-xhur bejn April u Settembru 2002.

Ra illi l-konvenut ghalkemm debitament notifikat baqa' ma pprezenta ebda risposta in kontestazzjoni ghall-istess talba.

Sema' x-xhieda ta' PL Peter Sammut li bil-gurament tieghu kkonferma li l-ammont mitlub ghadu dovut sal-gurnata tal-lum.

Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa' t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici is-somma kif mitluba ta' tlett mija tmienja u sittin lira u tnejn u tletin centezmu (Lm368.32) bl-imghaxijiet legali dekoribbli mit-28 ta' Frar 2003 u bl-ispejjez kollha ta' din l-istanza a karigu ta' l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------